

- billi naqas milli jadotta u jimplementsa miżuri xierqa ta' konservazzjoni kif ukoll sistema ta' protezzjoni li tevita d-deterjorament tal-habitat u t-tfixxil sinjifikattiv tal-ispeċi, li jiżguraw il-protezzjoni legali taż-żoni speċjali ta' konservazzjoni tas-siti li jinsabu fit-territorju Spanjol imsemmija fid-Deċiżjoni 2002/11/KE, skont l-Artikolu 6(1) u (2) tad-Direttiva 92/43/KEE,

ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 4(4) u l-Artikolu 6(1) u (2) tad-Direttiva 92/43/KEE;

- Tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni tikkunsidra li r-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq, fir-rigward taż-żoni speċjali ta' konservazzjoni li jikkorrispondu għas-siti ta' importanza għall-Komunità tar-reġjun bjoġeografiku Makaroneżjan li jinsabu fit-territorju tiegħu, indikati mid-Deċiżjoni 2002/11/KE,

- l-obbligu li jistabbilixxi prioritajiet ta' konservazzjoni, skont l-Artikolu 4(4) tad-direttiva;
- l-obbligu li jadotta u jimplementsa miżuri xierqa ta' konservazzjoni kif ukoll sistema ta' protezzjoni li tevita d-deterjorament tal-habitat u t-tfixxil sinjifikattiv tal-ispeċi, li jiżguraw il-protezzjoni legali tal-imsemmija żoni speċjali ta' konservazzjoni, skont l-Artikolu 6(1) u (2) tad-direttiva.

(<sup>1</sup>) Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-28 ta' Diċembru 2001, li tadotta l-lista ta' siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bioġeografiku Makaroneżju, skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 417)

(<sup>2</sup>) Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selväggä (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank Breda (il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-17 ta' Frar 2010 — VAV Autovermietung GmbH vs Inspecteur van de Belastingdienst/Douane Zuid, kantoor Roosendaal**

**(Kawża C-91/10)**

(2010/C 113/41)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

### Qorti tar-rinviju

Rechtbank Breda

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: VAV Autovermietung GmbH.

Konvenuti: Inspecteur van de Belastingdienst/Douane Zuid, kantoor Roosendaal

### Domandi preliminari

- (1) Id-dritt Komunitarju, b'mod partikolari l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi previst fl-Artikoli 49 KE sa 55 KE (li saru l-Artikoli 56 sa 62 TFUE), jippreklu sistema legali nazzjonali li tippordi li persuna residenti jew stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi u li hemmhekk tuża vettura rreġistrata u mikrija fi Stat Membru ieħor għandha, meta tuża l-vettura għall-ewwel darba fit-toroq Olandiżi, tħallas taxxa, fejn inizjalment l-ammont sħiħ tagħha huwa mitlub u fejn il-bilanċ jitħallas lura, mingħajr kumpens għal interassi, wara li jintemm l-użu ta' din il-vettura fit-toroq Olandiżi, u dan sabiex l-ammont dovut u mħallas ikun finalment jikkorrispondi għat-tu l-ammont fil-Pajjiżi l-Baxxi?
- (2) Jekk is-sistema legali inkwistjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala restrizzjoni għall-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi previst fl-Artikoli 49 KE sa 55 KE (li saru l-Artikoli 56 sa 62 TFUE), l-istess sistema tista' tkun iġġustifikata mit-trattament ugħalli tal-vetturi kollha disponibbi fil-Pajjiżi l-Baxxi kif ukoll mill-għan ta' prevenzjoni ta' abbużi (li huwa marbut ma' dan it-trattament ugħalli u li jirriżulta minnu) u/jew mill-għan li tiġi evitata diskriminazzjoni inversa fil-konfront tal-kerrejja domestiċi u tal-klijenti tagħhom sa fejn fil-każ-za' ta' kirja domestiċa jintalab il-ħlas bil-quddiem tal-ammont kollu tat-taxxa?